**17 ta' Ġunju, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Hector D'Ugo

*versus*

Isabel Maria D'Ugo

**Separazzjoni Personali - Artikoli 48 u 52 tal-Kodiċi Ċivili**

*Talba għad-dikjarazzjoni li parti ddekadiet mid-dritt għall-manteniment hija rrita u nulla stante li wieħed ma jistax jidekadi mid-dritt għall-alimenti ħlief fuq talba ad hoc f'kawża ta' separazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata minn Hector D'Ugo fis-17 ta' Jannar, 1996, li biha, wara li ppremetta:

Illi b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

fis-26 ta' Novembru, 1993 (Ċitażż. 334/91 FD) il-partijiet ġew iddikjarati separati a mensa et thoro u l-Qorti ordnat lill-attur iħallas lill-konvenuta Lm150 (mija u ħamsin lira Maltija) manteniment fix-xahar;

Illi l-attur dejjem obda l-ordni tal-Qorti u ħallas lill-konvenuta l-manteniment hekk kif stabbilit fl-istess sentenza;

Illi l-attur skopra li l-konveuta kienet qabdet relazzjoni intima ma' raġel ieħor u anke saħansitra siefret miegħu għal żmien twil, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Premess dan kollu, l-attur talab lill-konvenuta tgħid għala din il-Qorti m'għandhiex, prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kkommettiet adulterju bi ksur ta' l-obbligi legali tagħha;

Tiddikjara lill-konvenuta dekaduta mid-dritt tagħha għall-manteniment mingħand l-attur b'effett mid-data ta' l-adulterju tagħha kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet premessi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, inġunta għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' Emanuela Nathalie Galea Medati *nomine* ta' l-1 ta' April, 1996, li biha eċċepiet:

"Illi t-talba attriċi hi irrita u null stante li l-eċċepjenti ma tistax tiġi dekaduta mid-dritt għall-alimenti fuq il-motiv dedott ħlief fuq talba *ad hoc* f'kawża ta' separazzjoni;

Bla preġudizzju għall-premess huwa paċifiku li fil-każ ta' adulterju reċiproku d-dekadenza hi diskrezzjonali għall-Qorti;

Salv eċċezzjonijiet oħra";

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi ta' l-24 ta' April, 1996 u 23 ta' Mejju, 1996 limitatament għall-ewwel eċċezzjoni, ċjoe' dik preliminari, tal-konvenuta dwar l-irritwalita' u n-nullita' tat-talba attriċi; ikkunsidrat:

Il-konvenuta f'din il-kawża qed teċċepixxi l-iritwalita' u n-nullita' tat-talba ta' l-attur peress li l-istess attur mhux jitlob ukoll li tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom fuq il-bażi ta' l-adulterju tal-konvenuta. Skond ġurisprudenza kważi kostanti u li ġiet reċentement riaffermata fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Marzu, 1996 fil-kawża fl-ismijiet **Francis Bugelli** *vs* **Josephine Borg ġa' Bugelli**, biex tiġi mitluba d-dekadenza mill-obbligu tal-manteniment, il-konjugi li jagħmel tali talba irid jagħmilha fil-kuntest ta' kawża li jkollha bħala talba, jew waħda mit-talbiet, dik għas-separazzjoni personali, u dana indipendentement minn jekk il-partijiet ikunux diġa' mifrudin b'sentenza jew b'untratt (li għandu l-forza ta' sentenza). Din il-ġurisprudenza, li tista', mad-daqqa t'għajn, tidher biżantina, hi effettivament ibbażata fuq il-lokuzzjoni ċara tal-liġi u senjatament fuq il-kliem ta' l-artikoli 48 u 52 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti f'dan is-sens tagħmel referenza ukoll għas-sentenzi ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-27 ta' Ġunju, 1952 fl-ismijiet **Giuseppe Gauci** *vs* **Francesca Gauci** u tas-16 ta' Novembru, 1965 fl-ismijiet **Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici** ***noe vs*** **Dr. Hugh McKibbin**. Jingħad "kważi kostanti" għax jidher li għadha mhix ċara l-posizzjoni f'każ li l-eċċezzjoni, bħal dik mogħtija mill-konvenuta odjerna, ma tkunx ingħatat espressament. Fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Marzu, 1954 fl-ismijiet **Anthony Blackman** *vs* **Mathilde mart l-istess Blackman**, fejn il-konvenuta kienet baqgħet kontumaċi, din il-Qorti xorta waħda ddeċidiet li l-kawża kienet saret ħażin mill-attur għax ma kienx talab is-separazzjoni personali u konsegwentement illiberat lill-imsemmija konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju. Fil-kawża, iżda, **Anthony Fenech** *vs*

**Francine Fenech**, deċiża minn din il-Qorti (dejjem diversament ippresjeduta) fil-5 ta' April, 1993, fejn il-konvenuta kienet kontumaċi, talba bħal dik odjerna ġiet milqugħa. Minn din is-sentenza ma jidhirx li kien hemm appell. Fi kwalunkwe każ, fil-kawża odjerna il-konvenuta qajjmet espressament u in linea preliminari l-eċċezzjoni tan-nullita' u l-irritwalita' tat-talba kif proposta mill-attur. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti m'għandhiex alternattiva ħlief li tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, tiddikjara t-talba attriċi, ċjoe' ta' l-attur, irrita u nulla u konsegwentement tillibera lill-istess konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur.